KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fit-8 ta' Lulju 2021 [1]

Kawża C-289/20

IB

vs

FA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Ġurisdizzjoni internazzjonali, rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Kunċett ta' residenza abitwali"

1. Fi tmiem is-seklu XX, l-Unjoni Ewropea indirizzat, fil-qafas tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li l-ewwel kienet promossa mit-Trattat ta' Maastricht [2] u, wara, mit-Trattat ta' Amsterdam [3], il-problemi tad-dritt tal-familja marbutin mal-fenomenu tal-integrazzjoni.

2. Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet matrimonjali, l-ewwel konvenzjoni li ma daħlitx fis-seħħ [4] ġiet segwita bir-Regolament (KE) Nru 1347/2000 [5], imħassar bir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 [6], li huwa l-istrument fis-seħħ [7].

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003 fil-kuntest ta' diversi rinviji għal deċiżjoni preliminari [8]. L-ebda wieħed minnhom ma indirizza, sakemm mhux sejjer żball, il-konsegwenzi li jista' jkun hemm għall-interpretazzjoni tiegħu jekk tiġi kkunsidrata bħala ammissibbli "residenza abitwali" doppja, jew multipla, ta' wieħed mill-konjuġi (jew tat-tnejn li huma).

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU 1992, C 191, p. 1); b'mod partikolari, l-Artikolu K.3 marbut mal-Artikolu K.1.

3 Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Verżjoni konsolidata Amsterdam) (ĠU 1997, C 340, p. 173); b'mod partikolari l-Artikolu 61.

4 Konvenzjoni tat-28 ta' Mejju 1998 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali (ĠU 1998, C 221, p. 1; iktar 'il quddiem, il-"Konvenzjoni tal-1998").

5 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 209).

6 Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63).

7 Fir-rigward tal-validità tiegħu, ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

8 Pereżempju, fir-rigward taċ-ċittadinanza doppja ta' konjuġi wieħed. Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Hadadi (C-168/08, EU:C:2009:474, iktar 'il quddiem is-"sentenza Hadadi").

4. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ser jippermetti, għaldaqstant, li l-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza domanda li, għalkemm saret f'oqsma oħra [9], għadha ma ġietx solvuta f'dan ir-rinviju. Ir-risposta, qabelxejn, ser tkun teħtieġ definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza abitwali", meta jintuża sabiex tiġi ddeterminata l-ġurisdizzjoni internazzjonali f'kawżi ta' divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ.

I. Il-kuntest ġuridiku. Ir-Regolament Nru 2201/2003

5. Skont il-premessa 1:

"il-Komunitajiet Ewropej iffissaw l-oġġettiv [l-objettiv] li joħolqu żona ta' libertà, siġurtà u ġustizzja, li fiha l-moviment liberu talpersuni huwa assigurat. Għal din il-għan, il-Komunità għandha taddotta, fost affarijiet oħra, miżuri fl-oqsma ta' koperazzjoni ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili li huma neċessarji għat-tħaddim kif suppost tas-suq intern".

6. Il-premessa 8 tiddikjara li:

"Fir-rigward ta' sentenzi dwar divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieg, dan ir-Regolament għandu japplika biss għax-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali u m'għandux jittratta ma' kwistjonijiet bħal raġunijiet għal divorzju, il-proprjetà bħala konsegwenza taż-żwieg jew kwalsiasi miżuri oħra anċillari".

7. F'konformità mal-Artikolu 3:

"1. Fi kwistjonijiet dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ, il-ġurisdizzjoni ħa taqa' taħt il-kompetenza ta' l-qrati ta' l-Istat Membru

(a) f'liema territorju:

– il-konjuġi huma abitwalment residenti, jew

– il-konjuġi kienu joqgħodu hemm l-aħħar, peress illi xi ħadd minnhom għadu/għadha residenti hemm, jew

– il-konvenut huwa abitwalment residenti, jew

– fil-każ ta' applikazzjoni konġunta, wieħed jew waħda mill-konjuġi huwa abitwalment residenti, jew

– L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu joqgħodu hemm mill-inqas sena mmedjatament qabel ma' saret l-applikazzjoni, jew

– L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu residenti hemm mill-inqas sitt xhur immedjatament qabel saret l-applikazzjoni u jekk wieħed jew waħda minnhom huwa ċittadin ta' l-Istat Membru in kwistjoni jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu jew għandha 'id-domiċilju' hemmhekk;

[9] Fir-rigward tas-suċċessjonijiet, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, E. E. (Ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet) (C-80/19, EU:C:2020:569; iktar 'il quddiem, is-"sentenza E. E. (Ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet)").

b) dwar in-nazzjonalità taż-żewg konjuġi jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, dwar ‘id-domiċilju’ taz-żewġ konjuġi.

[…]”.

II. Il-fatti, il-kawża u d-domanda preliminari

8. Is-Sinjura FA, ta’ ċittadinanza Irlandiża, u s-Sur IB, ta’ ċittadinanza Franċiża, iżżewġu fl-Irlanda, fl-1994. Għandhom tlett itfal, illum adulti.

9. Fit-28 ta’ Diċembru 2018, is-Sur IB ressaq talba għal divorzju fit-tribunal de grande instance ta’ Pariġi (il-Qorti Reġjonali ta’ Pariġi, Franza).

10. Permezz ta’ digriet tal-11 ta’ Lulju 2019, il-juge aux affaires familiales du tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti tal-Familja tal-Qorti Reġjonali ta’ Pariġi) iddikjarat in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni tal-qrati Franċiżi sabiex jagħtu deċiżjoni fuq id-divorzju. Hija bbażat id-dispożittiv tagħha fuq dan il-fatti:

– Id-domiċilju tal-familja kien jinsab fl-Irlanda, fejn il-familja kienet stabbilixxiet ruħha fl-1999 u kienet xtrat proprjetà immobbli li kienet tikkostitwixxi d-domiċilju konjugali tagħha; it-tfal ukoll kienu joqogħdu l-Irlanda u kienu qegħdin jistudjaw hemmhekk.

– Ma kien hemm l-ebda separazzjoni bejn il-konjuġi, u lanqas ma kien hemm indikazzjoni li kellhom l-intenzjoni li jittrasferixxu d-domiċilju tagħhom lejn Franza.

– Min-naħa l-oħra, kien hemm informazzjoni kunsiderevoli li tikkonferma r-rabta personali u dik familjari tas-Sur IB mal-Irlanda, fejn kull tmiem il-ġimgħa kien imur sabiex jerġa’ jingħaqad ma’ martu u mat-tfal tiegħu, u sabiex jipprattika attivitajiet sportivi u ta’ divertiment b’mod regolari.

– Fis-sitt xhur qabel it-tressiq tat-talba (jiġifieri, wara s-27 ta’ Ġunju 2018) ma kien hemm l-ebda tibdil fl-istil ta’ ħajja tas-Sur IB li seta’ indika li huwa kien abbanduna r-residenza tiegħu fl-Irlanda. Għall-kuntrarju, żamm l-istess ħajja familjari f’dan il-pajjiż sal-btajjel tal-Milied tal-2018, li qatta’ ma’ martu u mat-tfal tiegħu fid-domiċilju tal-familja.

– Ir-rabta tas-Sur IB mal-Irlanda ma tipprekludihx milli jkollu rabta ma’ Franza, pajjiż li, sa mill-2017, jivvjaġġa lejh kull ġimgħa sabiex jaħdem. Huwa għandu *de facto* żewġ residenzi, waħda, matul il-ġimgħa, f’Pariġi, għal raġunijiet ta’ xogħol, u l-oħra, il-bqija taż-żmien, flimkien ma’ martu u mat-tfal tiegħu fl-Irlanda.

11. Is-Sur IB appella mid-digriet tal-Qorti tal-Ewwel Istanza quddiem il-cour d’appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta’ Pariġi, Franza), fejn talab li dan jiġi annullat u jiġi ddikjarat li l-qrati Franċiżi għandhom il-ġurisdizzjoni territorjali sabiex jagħtu deċiżjoni fuq id-divorzju. B’mod partikolari, huwa ċaħad il-fatt li ma kellux l-intenzjoni li fi Franza jistabbilixxi “ċ-ċentru permanenti jew abitwali tal-interessi tiegħu, bl-intenzjoni li dan ikun stabbli”

12. Is-Sinjura FA talbet lill-qorti tal-appell tikkonferma d-digriet appellat.

13. Skont il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi), mill-inqas sitt xhur qabel ma ressaq it-talba tiegħu għad-divorzju, is-Sur IB kien stabbilixxa fi Franza residenza stabbli u permanenti, mingħajr ma tilef, madankollu, ir-residenza tiegħu fl-Irlanda, fejn kellu r-rabtiet familjari u fejn qatta' perjodi ta' żmien għal raġunijiet personali bl-istess frekwenza bħal qabel.

14. Għaldaqstant, hija tqis li s-Sur IB għandu residenza fi Franza bil-karatteristiċi ta' stabbiltà u permanenza li jagħtuha l-istatus ta' residenza abitwali, u, fl-istess ħin, għandu residenza bl-istess karatteristiċi fl-Irlanda.

15. Minn dan, hija tikkonkludi li l-qrati Franċiżi u Irlandiżi jista' jkollhom ġurisdizzjoni ugwali sabiex jagħtu deċiżjoni fuq id-divorzju, f'konformità mas-subparagrafi ħamsa u sitta tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003.

16. F'dan il-kuntest, hija temmen li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "residenza abitwali" hija essenzjali u għalhekk tagħmel din id-domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Meta, bħal f'dan il-każ, miċ-ċirkustanzi fattwali jirriżulta li wieħed mill-konjuġi jaqsam ħajtu bejn żewġ Stati Membri, jista' jitqies, fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 u għall-applikazzjoni tiegħu, li huwa għandu r-residenza abitwali tiegħu f'żewġ Stati Membri, b'tali mod li jekk il-kundizzjonijiet elenkati minn dan l-artikolu jiġu ssodisfatti f'żewġ Stati Membri, il-qrati ta' dawn iż-żewġ Stati Membri għandhom ġurisdizzjoni ugwali sabiex jagħtu deċiżjoni fuq id-divorzju?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Ġunju 2020.

18. Is-Sinjura FA, il-Gvern Ġermaniż, dak Franċiż, dak Irlandiż u dak Portugiż, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

19. Fis-17 ta' Frar 2021, is-Sur IB ressaq talba motivata sabiex tinżamm seduta. Madankollu, huwa ta l-kunsens tiegħu li, fid-dawl tal-kriżi tas-saħħa, din it-talba tiġi ssostitwita b'osservazzjonijiet bil-miktub, kif ġie maqbul. Flimkien mas-Sur IB, il-Gvern Franċiż u dak Irlandiż, kif ukoll il-Kummissjoni, ippreżentaw dawn l-osservazzjonijiet minflok is-seduta.

IV. Analiżi

A. Rimarki preliminari

20. Id-domanda preliminari hija bbażata fuq il-fatt li persuna "[t]aqsam ħajtu [ħajjitha] bejn żewġ Stati Membri" [10]. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf l-impatt ta' dan il-fattur fid-determinazzjoni ta' liema qorti għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni fuq it-talba għal divorzju.

[10] Studju soċjoloġiku x'aktarx li jiżvela ż-żieda attwali fin-numru ta' każijiet fejn persuna (jew iż-żewġ konjuġi) jinsabu fl-istess sitwazzjoni.

21. Ir-risposta teħtieġ li tittieħed pożizzjoni dwar x'għandu jinftiehem bħala "residenza abitwali" ta' adult, għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003. Jekk jiġi kkonfermat li s-Sur IB *jista*' jkollu r-residenza abitwali tiegħu, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, f'żewġ Stati Membri, ikollu jiġi indirizzat jekk il-qrati taż-żewġ Stati Membri jkollhomx ġurisdizzjoni ugwali sabiex jagħtu deċiżjoni fuq id-divorzju.

22. Għal fehim aħjar tar-regola applikabbli, qabelxejn ser nagħmel riferiment għall-fatti preċedenti tagħha.

23. Ir-Regolament Nru 2201/2003 jirregola l-ġurisdizzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-Istati kollha tal-Unjoni Ewropea, minbarra d-Danimarka.

24. Dan ma huwiex l-ewwel strument f'dan il-qasam. Bħalma diġà indikajt, fl-1998, ġiet stabbilita Konvenzjoni dwar dawn l-istess aspetti (għalkemm kienet iktar limitata fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri). Il-Konvenzjoni kienet akkumpanjata b'Rapport ta' Spjega li jelenka r-raġunijiet għar-regoli tagħha [11].

25. Il-Konvenzjoni tal-1998 ma daħlitx fis-seħħ. Meta ftit wara, il-Komunità kisbet ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ġew inkorporati fir-Regolament Nru 1347/2000, li l-premessa 6 tiegħu titlob li jkun hemm kontinwità bejn l-istrumenti.

26. Tliet snin wara, ir-Regolament Nru 2201/2003 ssostitwixxa lir-Regolament Nru 1347/2000, u estenda l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal proċeduri u sentenzi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri mhux marbutin ma' proċeduri matrimonjali. Min-naħa l-oħra, huwa ppreżerva r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali għal kawżi dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ.

27. Il-validità tar-Regolament Nru 2201/2003 ser tintemm fl-1 ta' Awwissu 2022, billi r-Regolament (UE) 2019/1111 [12] ġie adottat fil-25 ta' Ġunju 2019, u ġie mfassal sabiex jindirizza n-nuqqasijiet fl-applikazzjoni ta' dan ir-regolament fir-rigward tal-proċeduri li jinvolvu minuri. Il-qrati li jkollhom ġurisdizzjoni internazzjonali għal sitwazzjonijiet ta' kriżi matrimonjali jibqgħu l-istess.

[11] Rapport ta' Spjega dwar il-Konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali (ĠU 1998, C 221, p. 27; iktar 'il quddiem, ir-"Rapport Borrás"). Ġie adottat mill-Kunsill fit-28 ta' Mejju 1998.

[12] Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) (ĠU 2019, L 178, p. 1). Suġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 100 tiegħu, dan ir-regolament għandu jħassar ir-regolament li jkun fis-seħħ mill-1 ta' Awwissu 2022: ara l-Artikolu 104.

28. L-identità tar-regoli ta' ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ fl-istrumenti suċċessivi, flimkien man-nuqqas ta' spjegazzjoni dwarhom fir-Regolament Nru 2201/2003, tikkonverti l-istrumenti preċedenti (b'riferiment, b'mod partikolari, għar-Rapport Borrás) f'element ċentrali, għalkemm mhux uniku, għall-fehim tal-kunċett ta' "residenza abitwali" użat fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament [13].

B. Ir-"residenza abitwali" skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003

29. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa parti minn strument li jservi sabiex jiggarantixxi, fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu stess, il-libertà ta' moviment tal-persuni fl-ispazju Ewropew ta' libertà, sigurtà u ġustizzja [14].

30. Fehim korrett tal-libertà ta' moviment jeżiġi li l-Istati Membri joqogħdu lura kemm milli jimponu restrizzjonijiet diretti fuq l-eżerċizzju tal-libertà kif ukoll milli joħolqu ostakoli li, b'mod indirett, ikollhom effetti dissważivi simili.

31. Id-diverġenzi bejn l-Istati Membri fid-dritt tal-familja, jew id-diffikultajiet li tesperjenza persuna sabiex l-istat ċivili tagħha jiġi rrikonoxxut barra mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita, kapaċi jkollhom dawn l-effetti dissważivi.

32. Il-leġiżlatur Ewropew, konxju dwar din ir-realtà, implimenta qafas regolatorju uniformi sabiex jiffaċilita l-aċċess għall-qrati tal-Istati Membri f'kawżi dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ li jinvolvu element barrani, kif ukoll għar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi mogħtija [15].

33. L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 jagħmel riferiment, ripetutament, għar-residenza abitwali ta' wieħed mill-konjuġi jew tat-tnejn li huma sabiex jispeċifika liema qrati għandhom ġurisdizzjoni sabiex jagħtu deċiżjoni fuq dawn il-kawżi.

[13] Ara l-premessa 6 tar-Regolament Nru 1347/2000 u l-premessa 3 tar-Regolament Nru 2201/2003. Sabiex jiġi interpretat l-Artikolu 3 fis-seħħ, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2007, Sundelind Lopez (C-68/07, EU:C:2007:740); iktar 'il quddiem is-"sentenza Sundelind Lopez") punt 26, tfakkar fil-premessi tiegħu. Ir-riferiment għar-Rapport Borrás insostenn tal-interpretazzjoni tar-regolament fis-seħħ jinsab b'mod frekwenti fil-konklużjonijiet tal-avukati ġenerali: ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Sharpston fil-kawża Purrucker (C-256/09, EU:C:2010:296), punti 13, 84, 85 u 86; dawk tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Hadadi (C-168/08, EU:C:2009:152), punti 37, 57 u 58; dawk tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Liberato (C-386/17, EU:C:2018:670), punti 55 u 69; jew dawk tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża UD (C-393/18 PPU, EU:C:2018:749), punt 28.

[14] Sentenza tat-13 ta' Ottubru 2016, Mikołajczyk (C-294/15, EU:C:2016:772), punt 33: "[…] kif jirriżulta mill-premessa 1 tiegħu, ir-Regolament Nru 2201/2003 jikkontribwixxi sabiex tinħoloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li fiha jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni".

[15] Il-premessa 4 tar-Regolament Nru 1347/2000.

1. Interpretazzjoni awtonoma

a) L-approssimazzjoni għall-kunċett ta' residenza abitwali f'testi regolatorji oħra

1) B'mod ġenerali

34. Diversi strumenti tal-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ta' dritt tal-familja, konformement ma' xi konvenzjonijiet internazzjonali multilaterali [16], jużaw ir-residenza abitwali tal-parti(jiet) interessata/i bħala kriterju ta' ġurisdizzjoni internazzjonali (diretta jew fil-qafas tar-rikonoxximent ta' sentenzi) u bħala punt ta' konnessjoni għar-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet [17].

35. Ir-residenza abitwali hija wkoll kriterju frekwenti f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni [18] u f'konvenzjonijiet internazzjonali [19]. Karatteristika komuni tat-testi rispettivi hija li normalment ma jiddefinixxux dan il-kunċett jew jagħmlu riferiment, sabiex jinterpretawh, għall-ordinamenti tal-Istati Membri (jew tal-Istati kontraenti) [20].

36. Fil-lingwaġġ komuni, l-espressjoni "residenza abitwali" tfisser soġġorn regolari jew stabbli f'post iddeterminat. L-użu tagħha f'termini legali jeħtieġ madankollu, xi ħaġa iktar minn interpretazzjoni limitata għat-tifsira ordinarja tat-termini [21].

37. Il-preamboli, ir-rapporti ta' spjega, ix-xogħol preparatorju u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja juru t-tendenza għall-identifikazzjoni tar-residenza abitwali *biċ-*"ċentru ta' interessi" tal-persuna. Sabiex jiġi identifikat dan iċ-ċentru, fl-astratt, jintuża r-raggruppament ta' ċerti *fatturi ta' konnessjoni*; u, b'mod partikolari, u l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatturi fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull każ [22].

[16] Pereżempju, il-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni ta' Awtoritajiet u l-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tal-Minuri, imfassla f'Den Haag fil-5 ta' Ottubru 1961; il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent tad-Divorzji u tas-Separazzjonijiet Legali, imfassla f'Den Haag fl-1 ta' Lulju 1970; il-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u ta' miżuri ta' protezzjoni tat-tfal, imfassla f'Den Haag fid-19 ta' Ottubru 1996; jew il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ta' kustodja ta' minuri, kif ukoll dwar l-istabbiliment mill-ġdid ta' din il-kustodja, imfassla fil-Lussemburgu fl-20 ta' Mejju 1980.

[17] Jiġu abbandunati, jew jinżlu fit-tieni post, il-kriterji tradizzjonali, bħaċ-ċittadinanza jew id-domiċilju, li qabel kienu ffavoriti bħala espressjoni tar-rabta bejn l-individwu u sistema ġuridika.

[18] Ara, pereżempju, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Volum 5, p. 72), li juża t-terminu "residenza". L-Artikolu 1(j) tiegħu jispeċifika li dan huwa "[l]-post fejn persuna għandha r-residenza abitwali tagħha". Is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2014, I (C-255/13, EU:C:2014:1291), tagħmel distinzjoni bejn "residenza" u "soġġorn" f'dan il-kuntest.

[19] Pereżempju, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika, imfassla f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011 (Artikolu 44).

[20] Din l-assenza hija bbażata fuq ix-xewqa li ma jiġux influwenzati testi oħra li jużaw l-istess kunċett, skont Lagarde, P. *Rapport ta' Spjega għall-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u ta' miżuri ta' protezzjoni tat-tfal, imfassal f'Den Haag fid-19 ta' Ottubru 1996*, f'*Actes et documents de la Dix-huitième session de la Conférence de La Haye de droit international privé*, 1996, Volum II, p. 552, punt 40.

[21] Fl-istess sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża A (C-523/07, EU:C:2009:39), punt 15, fir-rigward tar-residenza abitwali tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2201/2003.

[22] Din l-evalwazzjoni *ad casum*, loġikament hija kwistjoni li għandhom jindirizzaw il-qrati nazzjonali. Minħabba li hija speċifika, "[…] huwa biss b'ċirkuspezzjoni li l-indikazzjonijiet mogħtija fil-kuntest ta' kawża jistgħu jiġu trasposti għal kawża oħra". Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, HR (C-512/17, EU:C:2018:513; iktar 'il quddiem, is-"sentenza HR"), punt 54.

38. In-natura tal-interessi, kif ukoll l-aspetti u l-indizji rilevanti (fil-qosor, il-*fatturi ta' konnessjoni*) li jiddeterminaw ir-residenza abitwali ta' persuna, ser jiġu ddeterminati mill-kuntest tad-dispożizzjoni li tinkorpora dan il-kriterju li jagħti l-ġurisdizzjoni. Għandu jitqies ukoll l-għan ta' din id-dispożizzjoni, kif ukoll il-pakkett leġiżlattiv li fih huwa inkluż dan l-għan.

39. Il-kunċett ta' residenza abitwali u l-interpretazzjoni tiegħu, fil-qafas tar-Regolament Nru 2201/2003, huma awtonomi, hekk kif irrepetiet il-Qorti tal-Ġustizzja [23]. Il-kuntest u l-iskop tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament jindikaw, għaldaqstant, il-limiti tal-użu tal-analoġija u tal-estrapolazzjonijiet bejn is-setturi ġuridiċi [24].

2) F'setturi oħra tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

i) Ir-residenza abitwali tal-minuri

40. Għall-Qorti tal-Ġustizzja r-residenza abitwali tal-minuri f'kawżi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri hija ekwivalenti għaċ-ċentru tal-interessi tal-ħajja tagħhom, li hija tidentifika permezz tar-raggruppament ta' xi indizji:

– magħżula minħabba l-adegwatezza jew il-korrispondenza tagħhom mal-kuntest tar-regola li fiha huwa previst il-kriterju [25] u mal-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003, li huma fl-aħjar interessi tal-minuri [26]; u

– applikati (u pponderati) fid-dawl tat-totalità taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ [27].

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra, teskludi s-sempliċi adozzjoni tad-definizzjonijiet jew l-interpretazzjonijiet ta' dan il-kunċett f'setturi oħra tad-dritt tal-Unjoni (b'mod partikolari, fir-rigward tas-sigurtà soċjali u tas-servizz pubbliku). Preċiżament minħabba l-fatt li l-kuntest huwa differenti, "ma għandhiex tiġi direttament trasposta [għandhomx jiġu direttament trasposti] fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-residenza abitwali tal-minuri, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament [Nru 2201/2003]" [28]

[23] *Ibidem*, punt 40: "Fl-assenza, fir-regolament [Nru 2201/2003], ta' definizzjoni tal-kunċett ta' 'residenza abitwali' […] jew ta' riferiment għad-dritt tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, […] dan huwa kunċett […] li għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjonijiet li jsemmu dan u l-għanijiet tar-Regolament […], b'mod partikolari". Anki fil-kuntest konvenzjonali hija ppreferuta l-interpretazzjoni awtonoma: ara l-punt 35 u n-nota 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[24] Għaldaqstant, ma naqbilx mal-affermazzjoni ta' Franza fis-sens li l-*kunċett innifsu* ta' residenza abitwali f'dan ir-regolament u f'regolamenti oħra (b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 650/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifika Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107, rettifika fil-ĠU 2012, L 344, p. 3 u fil-ĠU 2013, L 60, p. 140)), għandu jkun komuni.

[25] Regoli rilevanti huma dawk li jagħmlu riferiment għar-residenza abitwali bħala kriterju ta' ġurisdizzjoni, kif ukoll għall-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003, fir-rigward tat-trasferimenti illegali. Ara s-sentenza HR, għall-ewwel wieħed; u s-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, OL (C-111/17 PPU, EU:C:2017:436; iktar 'il quddiem, is-"sentenza OL"), għat-tieni wieħed.

[26] Il-premessa 12 tar-Regolament Nru 2201/2003; sentenzi tat-2 ta' April 2009, A (C-523/07, EU:C:2009:225; iktar 'il quddiem, is-"sentenza A"), punt 35; OL, punt 66; HR, punt 59, fost oħrajn. Dan l-element ovvjament ma huwiex preżenti fil-każ tar-residenza abitwali tal-adult.

[27] Fost oħrajn, is-sentenzi A, punti 37 *et seq.*; tat-22 ta' Diċembru 2010, Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829), punti 47 *et seq.*; kif ukoll OL, punti 42 *et seq*.

[28] Sentenza A, punt 36.

ii) Ir-residenza abitwali tal-persuna ddeċeduta

42. Dan l-istess approċċ japplika, *mutatis mutandi*, għall-ispeċifikazzjoni tar-residenza abitwali tal-persuna ddeċeduta, li juża r-Regolament (UE) Nru 650/2012. [29]

43. Fil-premessi tiegħu, dan ir-regolament tal-aħħar jagħmel riferiment għal tali residenza bħala "ċentru ta' interess tal-familja […] u tal-ħajja soċjali" tal-persuna ddeċeduta; u jipproponi li tiġi identifikata permezz ta' "valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkustanzi tal-ħajja tad-deċedut fis-snin qabel mewtu u fil-mument ta' mewtu, filwaqt li tieħu kont tal-elementi fattwali rilevanti kollha, b'mod partikolari t-tul ta' żmien u r-regolarità tal-preżenza tad-deċedut fl-Istat ikkonċernat kif ukoll il-kondizzjonijiet u r-raġunijiet għal dik il-preżenza". Ir-residenza abitwali hekk iddeterminata "għandha tiżvela rabta stabbli u mill-qrib bejn is-suċċessjoni u Stat Membru, b'kont meħud tal-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament" [30].

iii) Ir-residenza abitwali tad-debitur insolventi

44. Ir-residenza abitwali hija, finalment, kriterju (indirett) ta' ġurisdizzjoni internazzjonali u, b'estensjoni, punt ta' konnessjoni tar-regola ta' kunflitt tal-liġijiet fir-Regolament (UE) 2015/848, dwar il-proċeduri ta' insolvenza [31].

45. L-Artikolu 3(1) tiegħu jippreżupponi li fil-każ ta' individwu, "iċ-ċentru tal-interessi prinċipali" tad-debitur huwa r-residenza abitwali tiegħu. F'dan il-kuntest, l-interessi l-importanti huma dawk ekonomiċi u finanzjarji; l-indizji li għandhom jiġu evalwati huma dawk li jippermettu lil terzi jirrikonoxxu faċilment dan iċ-"ċentru tal-interessi" [32].

b) L-adattament ta' dan l-approċċ għall-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2201/2003

46. L-approċċ deskritt, minħabba l-flessibbiltà tiegħu, huwa xieraq sabiex tiġi identifikata r-residenza abitwali prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, b'mod li tkun tista' tingħata ġurisdizzjoni lill-qrati ta' Stat Membru fi kwistjonijiet ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ.

47. Fir-Regolament ma hemm l-ebda gwida fir-rigward ta' x'inhija, jew kif tiġi ddeterminata r-"residenza abitwali" ta' adult f'sitwazzjoni ta' kriżi matrimonjali, u lanqas ma hemm xi riferiment għal-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali għal dan l-għan. Din l-assenza hija għażla intenzjonali (u komuni għall-istrumenti preċedenti).

[29] L-aħħar residenza abitwali tal-persuna ddeċeduta hija l-fattur ġenerali ta' rabta sabiex jiġu stabbiliti l-ġurisdizzjoni internazzjonali u l-liġi applikabbli.

[30] Premessi 23 u 24. Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża E. E. (C-80/19, EU:C:2020:230), punti 45 *et seq.*; u s-sentenza E. E. (Ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet), punti 38 sa 40.

[31] Ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2015, L 141, p. 19, rettifika fil-ĠU 2016, L 349, p. 9).

[32] Premessa 28 tar-Regolament 2015/848; u s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Novo Banco (C-253/19, EU:C:2020:585), punt 21.

48. Ir-Rapport Borrás jenfasizza dan billi jindika li:

– Kien hemm diskussjoni dwar din l-għażla b'rabta mal-inklużjoni tas-sitt inċiż (attwali) tal-Artikolu 3(1)(a)[33]; finalment ġiet eskluża l-introduzzjoni ta' regola sabiex jiġi speċifikat il-post tar-residenza abitwali għall-finijiet tal-Konvenzjoni tal-1998[34].

– "Ittieħdet inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari," id-definizzjoni, użata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kuntesti oħra, li skontha r-"residenza abitwali" hija "l-post fejn il-persuna kkonċernata stabbilixxiet, bil-ħsieb li tagħmel dan b'mod stabbli, iċ-ċentru permanenti jew abitwali tal-interessi tagħha"[35].

– Ġew miċħuda proposti oħra[36], li jissuġġerixxi li d-definizzjoni li "ttieħdet inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari," ġiet aċċettata bħala kunċett ta' xogħol fin-negozjati.

49. Minħabba l-kontinwità bejn il-Konvenzjoni tal-1998 u r-regolament fis-seħħ, jista' jiġi dedott li l-kriterji attwali ta' ġurisdizzjoni internazzjonali għal kawżi fi kwistjonijiet ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ huma ispirati mill-istess tfassil.

50. L-ispeċifikazzjoni tal-interessi l-importanti fil-mument tal-identifikazzjoni tar-residenza abitwali tal-konjuġi, kif ukoll l-għażla tal-fatturi ta' rabta li, f'evalwazzjoni konġunta, iwasslu sabiex tiġi stabbilita f'kull każ, għandha ssir, bħalma diġà spjegajt, b'mod awtonomu, fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjoni u tal-finijiet tar-Regolament Nru 2201/2003[37].

51. Barra minn hekk, ma għandux jintesa li f'dawn il-kawżi, is-sitwazzjoni tista' tinbidel malajr, preċiżament minħabba l-kriżi matrimonjali. Fil-każ ta' konjuġi ta' ċittadinanza differenti, ir-residenza abitwali spiss tiġi ttrasferita, u tiġi segwita, eventwalment, mir-ritorn ta' wieħed mill-konjuġi lejn l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu.

2. Il-kuntest tal-Artikolu 3 u l-għan tar-Regolament Nru 2201/2003

a) Kjarifika: il-funzjonijiet tar-residenza abitwali fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 2201/2003 u l-unità tal-kunċett

52. Ir-residenza abitwali u ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru huma l-elementi ewlenin tat-Taqsima 1 ("Id-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ") tal-Kapitolu II ("Il-Ġurisdizzjoni") tar-Regolament Nru 2201/2003.

53. Dawn l-elementi jwettqu żewġ funzjonijiet: l-għoti ta' ġurisdizzjoni internazzjonali f'tilwim dwar kriżijiet matrimonjali, f'konformità mal-Artikolu 3; u d-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-taqsima, skont l-Artikoli 6 u 7[38].

[33] L-ekwivalenti fil-Konvenzjoni tal-1998 kien is-sitt inċiż tal-Artikolu 2(1)(a).

[34] Rapport Borrás, punt 32.

[35] *Loc. ult. cit.* Tali definizzjoni tikkorrispondi għal kawżi dwar kwistjonijiet ta' servizz pubbliku u sigurtà soċjali.

[36] *Loc. ult. cit.*

[37] Punti 38 u 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[38] Skont l-Artikolu 6, ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fis-seħħ skont il-liġijiet ta' kull Stat Membru ma jistgħux jintużaw f'kawżi fejn il-konvenut ikollu residenza abitwali f'wieħed minnhom, jew ikun ċittadin ta' wieħed minnhom (jew, fil-każ tal-Irlanda, ikollu d-"domiċilju" tiegħu fit-territorju). Fis-sentenza Sundelind Lopez, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni residwa ser ikollha ġurisdizzjoni kontra individwu li ma jkollux residenza abitwali fi Stat Membru, jew ċittadinanza f'wieħed minnhom, sakemm ma jkun hemm l-ebda Stat Membru b'ġurisdizzjoni skont dan ir-regolament.

54. Il-kunċett ta' "residenza abitwali" huwa l-istess fiż-żewġ każijiet, sabiex id-definizzjoni li tiġi adottata fil-qafas tal-Artikolu 3(1) tkun rilevanti għall-Artikoli 6 u 7. Dan isegwi mill-premessa 8 tar-Regolament Nru 1347/2000, li jippreċedi r-regolament fis-seħħ, meta l-istrument jiġi estiż għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi "li r-rabtiet tagħhom fit-terrirorju ta' Stat Membru jkunu biż-żejjed mill-qrib, *skond il-bażi tal-ġurisdizzjoni preskritta f'dan ir-Regolament*" [39].

b) Il-Kriterju ta' ġurisdizzjoni internazzjonali ad hoc

55. Għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi matrimonjali, l-ittri (a) u (b) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 jistabbilixxu qrati b'ġurisdizzjoni internazzjonali abbażi taċ-ċirkustanzi personali ta' wieħed mill-konjuġi jew tat-tnejn li huma. Huma qrati esklużivi u ma hemm l-ebda ġerarkija bejniethom [40].

56. Il-lista ta' qrati tirriproduċi l-kriterji tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1347/2000, u dan ir-regolament jirriproduċi dawk tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tal-1998. Sa fejn hija kkonċernata r-residenza abitwali, dawn il-kriterji jieħdu inkunsiderazzjoni:

– ir-residenza abitwali *komuni għaż-żewġ partijiet*, jew dik li kienet komuni għalihom fil-passat [41];

– ir-residenza abitwali ta' *parti* waħda *biss*:

  – bi qbil minn qabel mal-parti l-oħra, jekk it-talba tkun waħda konġunta; f'każ bħal dan jista' jkollhom ġurisdizzjoni l-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tar-rikorrent, jew tal-konvenut;

  – jekk tkun tal-konvenut;

  – jekk tkun tar-rikorrent, sakemm tkun għaddiet mill-inqas sena qabel it-tressiq tat-talba, jew sitt xhur jekk tkun tinsab fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-attur (jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, huwa għandu d-"domiċilju" tiegħu hemmhekk).

57. Ir-Rapport Borrás jispjega l-għażla tal-qrati u l-alternattività tagħhom: dawn iwieġbu għall-interessi tal-partijiet, jinvolvu regoli flessibbli adattati għall-mobbiltà tal-persuni, u jiżvelaw prossimità, mifhuma bħala rabta reali bejn il-persuna u Stat Membru. Fil-qosor, ifittxu "li jiffavorixxu l-persuni mingħajr ma tiġi kompromessa ċ-ċertezza legali" [42].

[39] Enfasi miżjuda minni.

[40] Sentenza Hadadi, punt 48. Ma teżisti l-ebda ġerarkija formali bejn il-qrati, minkejja l-ilħna favur l-introduzzjoni tagħha meta ġie rriformulat ir-regolament (per eżempju, mill-Groupe européen de droit international privé, fil-laqgħa tiegħu f'Antwerp f'Settembru 2018: https://www.gedip-egpil.eu/documents/Anvers %202018/DivorceCompletV5.7.2.19.pdf). L-Artikolu 3 l-ġdid iżomm l-istess regoli ta' ġurisdizzjoni fl-istess livell. Li huwa differenti huwa l-grad ta' aċċettazzjoni ta' kull waħda minn dawn ir-regoli: f'dan is-sens, ir-Rapport Borrás, punti 30 u 32, jenfasizza li ċerti kriterji minn dawk inkorporati kienu aċċettati b'mod wiesa' fl-Istati Membri, filwaqt li oħra kienu jeħtieġu kompromess politiku. Dawn tal-aħħar illum jikkorrispondu għall-ħames u għas-sitt inċiżi tal-Artikolu 3(1)(a).

[41] F'dan it-tieni każ, wieħed mill-konjuġi għandu jkun għadu joqgħod f'dan l-Istat. Ma huwiex speċifikat il-mument li fih din iċ-ċirkustanza għandha tiġi stabbilita. Il-ħames u s-sitt inċiżi jindikaw il-mument tat-tressiq tat-talba, u jidher li huwa raġonevoli li jinftiehem l-istess għall-bqija tal-qrati.

[42] Rapport Borrás, punti 27, 28 u 30. Fir-Regolament Nru 1347/2000, il-premessa 12 tagħmel riferiment għall-eżistenza ta' rabta reali bejn parti u l-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni, mingħajr ma tiddistingwi bejn il-kawżi dwar kriżi matrimonjali jew dawk relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja adottat dawn l-ispjegazzjonijiet f'diversi sentenzi mogħtija dwar l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 [43].

59. Ir-Rapport Borrás jindika wkoll li l-possibbiltà li titressaq talba fil-post li jikkorrispondi biss għaċ-ċentru tal-interessi ta' wieħed mill-konjuġi, meta dan il-post ma jkunx tal-konvenut u ma jkun hemm l-ebda ftehim bejn il-konjuġi, tinsab fit-test minħabba li hija kundizzjoni *sine qua non* tal-aċċettazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1998 minn xi Stati [44].

60. B'dan il-mod jiġi rifless it-tħassib dwar il-każ speċifiku ta' ċaqliq ta' konjuġi li, minħabba l-kriżi matrimonjali, imur jgħix fi Stat Membru ieħor, kif imsemmi iktar 'il fuq [45]. Dan it-trasferiment spiss jinvolvi r-ritorn, anki dak immedjat, lejn il-post li kien id-domiċilju tal-parti qabel ma tkun iżżewġet, jew lejn il-post ta' ċittadinanza tagħha. F'każijiet bħal dawn, għandha tiġi evalwata r-rabta bejn l-individwu u l-qorti, minkejja l-fatt li ma tkunx għadha ġiet stabbilita l-prossimità ġeografika oġġettiva.

3. Ir-residenza abitwali għas-servizz tal-għoti tal-ġurisdizzjoni internazzjonali

61. Il-kunċett li fuqu huma bbażati l-qrati tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003:

– Jikkorrispondi għaċ-ċentru tal-interessi *tal-ħajja* tal-individwu, jiġifieri dawk relatati mal-ħajja soċjali u familjari. Il-lokalizzazzjoni tal-interessi *professjonali* u dawk *patrimonjali* tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' dan iċ-ċentru; madankollu, dawn il-fatturi ma jistgħux jikkonfutaw il-piż tal-interessi personali weħidhom, meta l-post ġeografiku tagħhom ma jikkoinċidix.

– Bħala prinċipju, teħtieġ is-*soġġorn* (u mhux is-sempliċi preżenza) tal-individwu f'post, b'mod ikkwalifikat: kemm minħabba li jkun permanenti, kif ukoll minħabba li jkollu ċerta regolarità jew konsistenza, b'mod li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet għal integrazzjoni reali fl-ambjent soċjali.

62. Il-karatterizzazzjoni ta' soġġorn bħala "residenza abitwali" ta' adult ma tiddependix *f'kull każ* fuq il-mogħdija ta' żmien determinat. Lanqas ma tiddependi fuq jekk, matul dan iż-żmien, tiġix stabbilita l-prossimità ġeografika *oġġettiva* bejn is-suġġett u l-qorti adita bid-divorzju, bis-separazzjoni legali jew bl-annullament taż-żwieġ.

63. Jekk il-ħames u s-sitt inċiżi tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 jkunu jeħtieġu li, barra r-residenza abitwali, jiġu ssodisfatti xi kundizzjonijiet *ratione temporis*, dan huwa minħabba l-fatt li dawn tal-aħħar ma humiex essenzjali għar-residenza nnifisha sabiex tiġi kklassifikata bħala "abitwali" [46].

64. L-eżiġenza li tgħaddi sena fl-Istat tar-residenza abitwali tar-rikorrent, jew sitt xhur meta l-Istat ikun taċ-ċittadinanza tiegħu (fejn xieraq, id-"domiċilju") tirrelativizza l-piż tal-fattur "żmien" bħala indikatur tan-natura abitwali tar-residenza.

[43] Sentenzi Sundelind Lopez, punt 26; Hadadi, punt 48; u tat-13 ta' Ottubru 2016, Mikołajczyk (C-294/15, EU:C:2016:772), punti 49 u 50.

[44] Punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[45] Punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[46] Iż-żieda ta' dawn il-kundizzjonijiet normalment tiġi spjegata bħala sinjal tax-xewqa li jiġi limitat il-*forum actoris* taħt l-aħħar żewġ inċiżi tal-Artikolu 3(1)(a). Din l-ispjegazzjoni, filwaqt li hija minnha, ma tikkontestax il-konsegwenzi ta' tali kundizzjonijiet fuq il-kunċett ta' residenza abitwali.

65. Għaldaqstant huwa leġittimu li wieħed jifhem li, għall-finijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, huwa possibbli li konjuġi wieħed jakkwista residenza abitwali kważi immedjatament (jew wara perjodu qasir ta' żmien) bħala riżultat tat-trasferiment li jseħħ wara l-kriżi matrimonjali.

66. F'ċirkustanzi bħal dawn, it-tul, ir-regolarità jew il-konsistenza ta' preżenza fiżika, li normalment jikkaratterizzaw ir-"residenza abitwali", jistgħu jiġu ssupplimentati jew saħansitra ssostitwiti bl-*intenzjoni* tal-individwu adult li jistabbilixxi u jintegra ruħu fi Stat ieħor (jew li jerġa' jistabbilixxi u jintegra ruħu fl-Istat ta' oriġini), billi jakkwista residenza abitwali ġdida u jabbanduna lil dik preċedenti [47].

67. Din l-intenzjoni tista' teżisti mill-ewwel mument jew inkella tiżviluppa b'mod gradwali. Fiż-żewġ każijiet, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni, hija għandha tkun tista' tiġi rrikonoxxuta permezz ta' elementi tanġibbli jew sinjali esterni [48]. Inkella, l-applikazzjoni tar-regola li tagħti l-ġurisdizzjoni ssir ikkumplikata żżejjed, sal punt li ssir impossibbli.

68. Sabiex jiġi rrikonoxxut iċ-ċentru tal-interessi tal-ħajja ta' persuna (jew, jekk ikun il-każ, l-intenzjoni li dan jiġi stabbilit) f'post, għall-finijiet tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħal f'kuntesti relatati oħra [49], il-fatturi kollha xierqa sabiex tiġi żvelata l-konnessjoni tal-ħajja bejn il-persuna u dan il-post.

69. B'mod partikolari, jista' jkollhom din in-natura l-kundizzjonijiet u r-raġunijiet tas-soġġorn tagħha fit-territorju u, bl-aspetti li indikajt iktar 'il fuq, it-tul u r-regolarità tiegħu. Mingħajr ma huma eżawrjenti, fost dawn l-indizji jinsabu dawn li ġejjin:

– il-post jikkorrispondi għall-Istat ta' oriġini;

– huwa l-post fejn jinsabu membri tal-familja u ħbieb;

– l-individwu jgħix regolarment f'dan il-post, b'kuntratt ta' kiri, jew ta' sjieda, jew ħa l-passi sabiex jagħmel dan;

– il-post jikkorrispondi għall-Istat taċ-ċittadinanza tiegħu;

– l-individwu għandu jew qiegħed ifittex xogħol stabbli f'dan il-post;

– l-individwu jikkondividi l-kultura ta' dan il-post.

[47] Fl-assenza tal-intenzjoni ta' abbandun, ir-residenza abitwali tkompli tkun dik preċedenti.

[48] Sentenza HR, punt 46, u l-ġurisprudenza ċċitata.

[49] Fl-istess sens, fir-rigward tar-residenza abitwali tal-persuna ddeċeduta, is-sentenza E. E. (Ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet), punt 38; u, il-konklużjonijiet tiegħi fl-istess kawża (C-80/19, EU:C:2020:230), punti 49 *et seq*. Fir-rigward tar-residenza abitwali tal-minuri, fost oħrajn, is-sentenza A, punt 39.

70. Ir-rilevanza ta' dawn l-indizji jew ta' indizji simili (li, intenni, ma jeżawrixxux il-lista tal-indizji possibbli) [50] hija kkorroborata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-residenza abitwali ta' minuri ta' età żgħira jew tarbija. Iċ-ċentru tal-ħajja tiegħu huwa dedott mill-integrazzjoni f'ambjent familjari u soċjali, dak tal-ġenitur li fuqu jiddependi l-minuri, abbażi tal-elementi li l-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha tindika sabiex tirrikonoxxi tali ambjent [51].

C. Residenza abitwali waħda

71. Id-determinazzjoni tar-residenza abitwali ta' adult u d-deċiżjoni, abbażi ta' din ir-residenza, dwar liema qorti għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni fuq it-talba għal divorzju huma xogħlijiet li għandhom jitwettqu mill-qorti adita bit-talba. Il-qorti għandha tagħmel l-almu tagħha sabiex tidentifika residenza abitwali *waħda* (jiġifieri, *ir-residenza abitwali*), kemm ta' konjuġi wieħed kif ukoll tat-tnejn li huma.

72. Huwa minnu li l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jipprekludix il-multipliċità tal-qrati li għandhom ġurisdizzjoni u lanqas l-għażla tal-qorti (*forum shopping*) għal kawżi li jirrelataw esklużivament mad-divorzju, mas-separazzjoni legali jew mal-annullament taż-żwieġ. Il-proċeduri simultanji huma previsti, u riżolti fl-Artikolu 19(1) u (3) tar-regolament.

73. Madankollu, jiena tal-fehma li dan l-argument ma jiġġustifikax il-proliferazzjoni saħansitra ikbar tal-qrati, li tirriżulta mill-aċċettazzjoni ġenerali tal-possibbiltà li persuna tirrisjedi *abitwalment* f'diversi postijiet fl-istess ħin, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

74. Il-formulazzjoni letterali ta' din id-dispożizzjoni, l-għan tagħha u kunsiderazzjonijiet oħra ta' natura sistematika jargumentaw kontra tali interpretazzjoni.

1. Il-letteralità u s-sens tat-termini

75. L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 jagħmel f'kull ħin riferiment għall-qrati *tal-Istat Membru* tar-*residenza abitwali*, bl-użu tas-singular.

76. B'mod parallel, skont l-Artikolu 66 tal-istess regolament, li jirregola l-applikazzjoni tal-qrati fi Stati Membri b'żewġ ordinamenti ġuridiċi jew iktar, "kull referenza għar-residenza abitwali f'dak l-Istat Membru għandha tirreferi għar-residenza abitwali ġewwa *unità* territorjali" [52].

77. Barra minn hekk, jekk ir-residenza abitwali tiġi mqabbla maċ-*ċentru* tal-interessi tal-ħajja tal-individwu, ikun inkonsistenti li tiġi aċċettata s-simultanjetà ta' diversi residenzi ta' dan it-tip.

[50] Jistgħu jiżdiedu, pereżempju, ir-reġistrazzjoni jew, jekk l-adult jgħix flimkien ma' wlied li jkunu fl-età li jmorru l-iskola, ir-reġistrazzjoni tagħhom f'kindergartens jew fi skejjel: f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża A (C-523/07, EU:C:2009:39), punt 44.

[51] Sentenzi A, punt 40; tat-22 ta' Diċembru 2010, Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829), punti 53 sa 56; tad-9 ta' Ottubru 2014, C (C-376/14 PPU, EU:C:2014:2268), punt 52; HR, punti 44 sa 47.

[52] Enfasi miżjuda minni.

78. Min-naħa l-oħra, ma hemm xejn li jipprekludi l-eżistenza ta' residenzi "sempliċi" multipli [53], jiġifieri, li persuna jkollha, flimkien mar-residenza abitwali jew prinċipali, residenza oħra jew residenzi oħra sekondarji (tal-vaganzi, għal raġunijiet ta' xogħol jew simili). Dawn tal-aħħar ma għandhom l-ebda effett fil-kuntest tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003.

2. L-għan tar-regola

79. L-ammissjoni tal-possibbiltà ta' numru ta' residenzi *abitwali* lanqas ma jikkorrispondi għall-għan imfittex mir-Regolament Nru 2201/2003 permezz tal-Artikolu 3(1)(a) tiegħu.

80. Bħalma diġà spjegajt [54], dan l-għan jikkonsisti:

– minn naħa, fil-promozzjoni tal-mobbiltà tal-persuni fl-Unjoni, inkluż meta t-trasferiment tar-residenza minn Stat Membru għal ieħor isir wara kriżi matrimonjali;

– min-naħa l-oħra, fil-garanzija taċ-ċertezza legali u l-prossimità bejn l-individwi u l-qorti.

81. Il-punti ta' konnessjoni magħżula jiksbu l-bilanċ bejn dawn iż-żewġ għanijiet: iservu kemm għall-interessi tal-partijiet affettwati kif ukoll għal dawk tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan il-bilanċ jiġi megħjun jekk il-kriterji tal-ġurisdizzjoni bbażati fuq ir-residenza abitwali ma jiftħux alternattivi daqs kemm hemm inċiżi fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, għalkemm jidher li dan huwa minnu mal-ewwel daqqa t'għajn [55].

82. Interpretazzjoni permissiva fir-rigward tan-numru ta' residenzi abitwali simultanji tal-istess individwu tista' tkisser, *de facto*, il-bilanċ bejn il-partijiet, filwaqt li twessa' l-ambitu sabiex jiġi adit il-*forum actoris*. Barra minn hekk, iżżid id-diffikultajiet sabiex jiġi identifikat minn qabel liema qrati jistgħu jagħtu deċiżjoni fuq id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ fl-Unjoni [56].

83. Dawn il-kunsiderazzjonijiet, flimkien ma' dawk li ser nesponi iktar 'il quddiem, jargumentaw għal interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' residenza abitwali tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, anki jekk persuna tgħix ħajjitha f'diversi Stati Membri.

[53] Nieħu l-espressjoni residenza "sempliċi", b'kuntrast ma' dik "abitwali", mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:738), punt 71.

[54] Punti 57 u 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[55] Il-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta r-residenza abitwali bħala kriterju li jagħti l-ġurisdizzjoni jiddeterminaw li xi qrati jeskludu lil xulxin, u oħrajn ikunu xierqa sabiex jikkoinċidu bejniethom. Mhux ser tkun xi ħaġa mhux tas-soltu li diversi kriterji jikkonverġu lejn l-istess Stat Membru.

[56] Skont il-Kummissjoni (punt 14 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha minflok is-seduta), l-ammissjoni ta' żewġ residenzi abitwali ta' persuna għall-finijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003 "supprime un aléa et augmente la sécurité juridique, en apportant à l'époux qui partage sa vie entre deux États, l'assurance qu'il peut saisir les juridictions de l'un de ces États sans risquer une décision d'incompétence, et les coûts associés à une telle procédure". Din il-fehma ma tikkonvinċinix. Id-diffikultà li tingħata deċiżjoni fuq ir-residenza abitwali ma tisparixxix billi jiġi ammess li jista' jkun hemm iktar minn waħda; għall-kuntrarju, din il-pluralità tkun mistoqsija addizzjonali, li fuqha tiġi ġġenerata l-konvinzjoni tal-qorti li tiġi adita bil-kawża. Iż-żieda ta' qorti addizzjonali fl-Artikolu 3 tar-regolament iżżid l-inċertezza dwar fejn ikun jista' jiġi mħarrek il-konjuġi, inkluż dak li jkun proprjetarju ta' iktar minn residenza abitwali waħda.

3. Ir-residenza abitwali kkunsidrata fit-termini tal-interpretazzjoni sistematika (f'sens wiesa')

84. Jekk il-formulazzjoni, it-tifsira u l-għan tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprekludu li l-konsegwenzi legali previsti fih jingħataw lil numru ta' residenzi abitwali, din il-premessa tmur lil hinn mill-kawżi dwar il-kriżi matrimonjali, minkejja dak li huwa ssuġġerit mill-premessa 8 ta' dan ir-regolament [57].

85. Il-leġiżlatur Ewropew estenda l-istess kriterju ta' ġurisdizzjoni internazzjonali għal strumenti sussegwenti li jirregolaw: a) il-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali [58]; b) il-ġurisdizzjoni internazzjonali għal talbiet relatati ma' obbligu ta' manteniment [59]; u c) il-ġurisdizzjoni internazzjonali għal talbiet dwar sistema li tirregola l-beni tal-miżżewġin, konnessi mat-talbiet għal xoljiment, separazzjoni jew annullament [60].

86. Iktar ma jkun estiż il-kunċett ta' "residenza abitwali" tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, iktar il-qrati tal-Istati Membri potenzjalment ikollhom ġurisdizzjoni f'dawn l-oqsma l-oħra wkoll, għad-detriment tal-prevedibbiltà tal-persuni interessati [61].

87. Ser niffoka, b'mod partikolari, fuq l-effetti fuq il-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali.

88. Ir-Regolament Nru 1259/2010 għandu l-għan li "jipprovdi soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċittadini f'termini ta' ċertezza legali, prevedibbiltà u flessibbiltà" [62]. Il-ksib ta' dan l-għan jimplika li l-liġi applikabbli għall-kawża, dejjem tkun waħda biss, irrispettivament mill-qorti tal-Unjoni li tiġi adita bid-divorzju jew bis-separazzjoni legali. Għaldaqstant, il-fatturi ta' konnessjoni stabbiliti fir-Regolament Nru 1259/2010, għalkemm huma varji, huma organizzati "f'ordni ta' prijorità" u mhux bħala alternattivi.

[57] "Fir-rigward ta' sentenzi dwar divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieg, dan ir-Regolament għandu japplika biss għax-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali u m'għandux jittratta ma' kwistjonijiet bħal raġunijiet għal divorzju, il-proprjetà bħala konsegwenza taż-żwieg jew kwalsiasi miżuri oħra anċillari".

[58] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (ĠU 2010, L 343, p. 10).

[59] L-Artikolu 3(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009, L 7, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2011, L 131, p. 26, fil-ĠU 2013, L 8, p. 19 u fil-ĠU 2013, L 281, p. 29).

[60] L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1103 tal-24 ta' Ġunju 2016 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ta' reġimi ta' proprjetà matrimonjali (ĠU 2016, L 183, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2017, L 113, p. 62 u fil-ĠU 2018, L 167, p. 36).

[61] Ma huwiex irraġonevoli li wieħed jippreżupponi li, ladarba jiġi aċċettat l-għadd ta' residenzi abitwali permezz ta' dan il-mod indirett sabiex tingħata l-ġurisdizzjoni, dan għandu jiġi aċċettat ukoll fl-interpretazzjoni tal-kriterju ta' "residenza abitwali" inkluż fl-istess strumenti għat-talbiet meta ma jkunux anċillari, iżda indipendenti.

[62] Premessa 9. Għandu l-għan ukoll li "jipprevjeni sitwazzjoni li fiha wieħed mill-konjuġi jitlob divorzju qabel l-ieħor sabiex jiżgura li l-proċeduri ikun suġġett għal liġi partikolari li hu jkun iqis bħala li l-aktar tiffavorixxi l-interessi tiegħu". Dan it-tħassib ma japplikax għall-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, li jipprevedi qrati alternattivi; madankollu, l-interpretazzjoni tiegħu għandha ssir, sa fejn ikun possibbli, b'mod li ma tippreġudikax l-għanijiet tar-regolament l-ieħor.

89. Għalkemm f'livell inqas [63], l-għan deskritt huwa appoġġjat ukoll mill-korrelazzjoni *forum-ius* taħt l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1259/2010, li jindirizza l-liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet:

– Bħala linji gwida ta' prinċipju, permezz tal-korrispondenza ta' diversi qrati tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, bil-punti ta' konnessjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1259/2010.

– Direttament, bħala soluzzjoni residwa: fin-nuqqas ta' għażla ta' liġi mill-partijiet, u fin-nuqqas ukoll ta' ssodisfar tal-kriterji tal-ittri (a), (b) u (c) tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1259/2010, tapplika l-liġi tal-qrati, bi qbil mal-ittra (d) tad-dispożizzjoni.

90. Applikazzjoni laxka tal-kunċett ta' residenza abitwali tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, li jawtorizza l-qsim jew il-multiplikazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali abbażi ta' dan il-kriterju, tippreġudika l-għan tar-Regolament Nru 1259/2010, b'żewġ modi:

– Bit-tkissir tal-korrelazzjoni *forum-ius*, jekk il-qorti tkun aġixxiet bħala l-qorti ta' waħda mir-residenzi abitwali ta' konjuġi wieħed, iżda kellha tapplika l-liġi ta' Stat Membru ieħor, minħabba li r-residenza abitwali komuni tal-konjuġi tinsab fih [64].

– Bir-riżultat li żewġ qrati (jew iktar) li għandhom ġurisdizzjoni għar-residenza(i) abitwali ta' konjuġi wieħed, li jinsabu fi Stati Membri differenti, japplikaw il-liġi "tal-forum" taħt l-Artikolu 8(d) tar-Regolament Nru 1259/2010.

a) L-Artikolu 3(1)(a), u s-sentenza Hadadi (Artikolu 3(1)(b))

91. L-interpretazzjoni restrittiva li qiegħed nipproponi ma tipprekludix l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Hadadi [65], fir-rikonoxximent, fil-qafas tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003, tal-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' diversi Stati Membri meta l-persuni interessati jkollhom diversi ċittadinanzi [66].

92. Id-diverġenzi bejn il-kawża deċiża mis-sentenza Hadadi u dik preżenti huma sinjifikattivi. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-fatt li l-punt ta' konnessjoni "ċittadinanza" kien limitat għal "ċittadinanza effettiva", ċirkustanza kompletament barra minn din il-kawża:

– L-ewwel nett, il-kundizzjoni "effettiva" taċ-ċittadinanza ma tidhirx fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003; min-naħa l-oħra, tidher dik li r-residenza hija "abitwali".

– It-tieni, iċ-ċittadinanza li tagħti l-ġurisdizzjoni fl-Artikolu 3(1)(b) msemmi dejjem trid tkun komuni. Meta wieħed biss mill-konjuġi, u mhux l-ieħor, ikollu ċittadinanza doppja,

[63] Għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fi kwistjonijiet oħra, hawnhekk, il-paralelliżmu bejn il-ġurisdizzjoni internazzjonali u l-liġi applikabbli ma huwiex tħassib ta' prijorità: jista' ma jseħħx, mill-bidu, meta l-partijiet jagħżlu l-liġi applikabbli f'konformità mal-ittri (a), (b) u (c) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament. Għandu jitfakkar ukoll li l-istrument, li huwa r-riżultat ta' kooperazzjoni msaħħa, ma huwiex applikat fl-Istati Membri kollha.

[64] Din il-kombinazzjoni tista' sseħħ fil-kawża, jekk il-qorti Franċiża tkun iddikjarat li għandha l-ġurisdizzjoni f'konformità mas-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, wara li tkun aċċettat li s-Sur IB għandu r-residenza abitwali tiegħu fl-Irlanda wkoll. F'tali ipoteżi, jekk ma jkun hemm l-ebda għażla valida ta' liġi oħra mill-partijiet, għandu jkun applikabbli d-dritt Irlandiż għall-kawża, skont it-tifsira tal-Artikolu 8(a) tar-Regolament Nru 1259/2010.

[65] Isir riferiment għal din is-sentenza, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tas-Sinjura FA, punti 71 *et seq*., tal-Gvern tal-Portugall, punti 36 *et seq*., tal-Kummissjoni, punti 13 u 32, kif ukoll tas-Sur IB fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu minflok is-seduta, punt 31.

[66] Sentenza Hadadi, punti 51 *et seq*.

għall-finijiet tad-dispożizzjoni ser tgħodd biss iċ-ċittadinanza kondiviża: il-konjuġi b'ċittadinanza waħda la jkun żvantaġġjat u lanqas vantaġġjat [67]. Dan jista' jkun il-każ, min-naħa l-oħra, jekk tiġi meqjusa bħala ammissibbli r-residenza abitwali multipli, skont ir-regoli ta' ġurisdizzjoni bbażati fuq ir-residenza abitwali ta' konjuġi wieħed biss [68].

– It-tielet, il-punt ta' konnessjoni taċ-ċittadinanza huwa, bħalma indikat il-Qorti tal-Ġustizzja, "uniformi u faċilment applikabbli" [69], filwaqt li l-identifikazzjoni taċ-ċittadinanza "effettiva" tkun teħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni sensiela sħiħa ta' ċirkustanzi fattwali, mingħajr ċertezza dwar riżultat ċar [70].

93. Dan tal-aħħar ikun possibbli wkoll fl-applikazzjoni tal-punt ta' konnessjoni "residenza abitwali". Madankollu, ma nemminx li d-diffikultà tiġi solvuta (anzi, huwa proprju bil-kontra) bl-aċċettazzjoni li, f'każ ta' dubju, ikun ippreferut li tiġi ammessa l-eżistenza ta' iktar minn residenza abitwali waħda.

94. L-aġir b'dan il-mod ma jiggarantixxix inqas diskussjoni bejn il-partijiet dwar liema residenza, fost diversi residenzi, tkun rilevanti għal proċedura. Anzi, iżid fattur ġdid ta' kumplessità fid-dibattitu: kull darba li parti tippreżenta żewġ residenzi jew iktar bħala abitwali, irid jiġi ddeterminat jekk humiex fil-fatt kollha abitwali. Fl-aħħar nett, jiżdied ir-riskju li residenza "sempliċi" (u mhux dik abitwali tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003) finalment tiddetermina l-ġurisdizzjoni internazzjonali.

D. Impossibbiltà li tiġi identifikata r-residenza abitwali?

95. Ir-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi soluzzjonijiet għal każijiet meta jkun impossibbli li tiġi identifikata r-residenza abitwali ta' minuri; iżda mhux fil-każ ta' adult.

96. Dan is-*silenzju* ma huwiex aċċidentali. F'sens pożittiv, huwa jeskludi l-possibbiltà li jkun hemm persuni li r-residenza abitwali tagħhom ma tkunx tista' tiġi vverifikata (għalkemm b'diffikultajiet ta' provi). F'sens negattiv, huwa jikkorrobora, fil-fehma tiegħi, li adult ma jiġix irrikonoxxut li jkollu żewġ residenzi abitwali jew iktar f'diversi Stati Membri, għall-finijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003.

97. Jekk, għall-grazzja tal-argument, jiġi aċċettat li dan ma jkunx il-każ, u li jkun verament impossibbli li tiġi vverifikata [71] *ir*-residenza abitwali, fost diversi residenzi, skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, wieħed jista' jimmaġina żewġ soluzzjonijiet:

– f'konformità mal-ewwel każ, li huwa ppreferut mill-Kummissjoni [72], ikun biżżejjed li wieħed miż-żewġ ċentri tal-ħajja (jew iktar) ikun jinsab fl-Istat Membru tal-qorti adita bit-talba għal divorzju, sabiex hija tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni;

[67] Bħala rikorrent, il-konjuġi b'ċittadinanza doppja ma għandux qorti addizzjonali għal din ir-raġuni, iżda lanqas ma hemm qorti addizzjonali sabiex titressaq talba kontrih.

[68] L-għadd tar-residenti abitwali huwa xieraq kemm biex jiffavorixxi l-konjuġi li jgawdih, meta huwa jkun ir-rikorrent [bħala konsegwenza tal-ħames u tas-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a)], kif ukoll biex imur kontrih, meta jkun il-konvenut, bħala konsegwenza tat-tielet inċiż tal-istess Artikolu 3(1)(a).

[69] Sentenza Hadadi, punt 51.

[70] *Ibidem*, punt 55.

[71] Il-probabbiltà li żewġ sitwazzjonijiet għandhom *b'mod ugwali* l-elementi tipiċi tar-residenza abitwali hija baxxa. Sabiex ikun hemm konformità mar-Regolament Nru 2201/2003, il-qrati nazzjonali għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jidentifikaw waħda, bħalma indikajt fil-punti 71 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

[72] Punti 33 u 34 tal-osservazzjonijiet bil-miktub, u l-proposta ta' konklużjoni tagħha.

– f'konformità mat-tieni każ, l-ebda wieħed minn dawn iċ-ċentri tal-ħajja f'diversi Stati Membri ma jkun xieraq sabiex jagħti ġurisdizzjoni bħala residenza abitwali.

98. L-argumenti li żvolġew iktar 'il fuq, kontra l-ammissjoni ta' numru ta' residenzi abitwali simultanji għall-istess individwu, fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, iwassluni sabiex nagħti preferenza lit-tieni għażla, li tfixkel inqas lis-sistema fl-intier tagħha.

99. Din it-tieni għażla (li tkun ta' natura eċċezzjonali) tikkonferma n-nuqqas ta' kapaċità tal-punt ta' konnessjoni "residenza abitwali" li jiddetermina l-ġurisdizzjoni internazzjonali. Dan mhux neċessarjament jipprekludi lill-partijiet mill-protezzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni, meta jkun applikabbli wieħed mill-kriterji l-oħra tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 [73], jew meta jsir rinviju lill-qrati stabbiliti mil-liġijiet ta' kull Stat Membru [74], li l-applikazzjoni tagħhom hija prevista fl-Artikolu 7.

100. Huwa biss fl-alternattiva (jiġifieri, ladarba jkunu eżawriti jew eskluži dawn il-possibbiltajiet) u b'mod eċċezzjonali, jekk ikun indispensabbli sabiex tiġi evitata ċaħda tal-ġustizzja, li jidhirli li jkun aċċettabbli li tingħata ġurisdizzjoni lill-qrati stabbiliti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri ta' residenza ta' konjuġi wieħed, meta l-ebda wieħed minnhom ma jkun irrikonoxxut bħala r-residenza abitwali fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003.

V. Konklużjoni

101. Abbażi ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li d-domanda magħmula mill-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) tingħata risposta kif ġej:

"L-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tal-għoti tal-ġurisdizzjoni, tista' tiġi rrikonoxxuta biss residenza abitwali waħda ta' kull wieħed mill-konjuġi.

Meta wieħed mill-konjuġi jaqsam ħajtu bejn żewġ Stati Membri jew iktar, b'mod li bl-ebda mod ma jkun possibbli li jiġi identifikat wieħed minnhom bħala l-Istat tar-residenza abitwali tiegħu fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-ġurisdizzjoni internazzjonali għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-kriterji l-oħra ta' dan ir-regolament, u, fejn xieraq, mal-kriterji residwi fis-seħħ fl-Istati Membri.

F'din l-istess ipoteżi, il-ġurisdizzjoni tista' tingħata, b'mod eċċezzjonali, lill-qrati tal-Istati Membri ta' residenza mhux abitwali ta' konjuġi wieħed, meta mill-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 u tal-qrati li għandhom ġurisdizzjoni residwa ma tirriżulta l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-ebda Stat Membru".

[73] F'din il-kawża, bil-fatti quddiemi, inqis li s-Sur IB jista' jressaq it-talba tiegħu fl-Irlanda bħala l-aħħar post tar-residenza abitwali tal-konjuġi fejn wieħed minnhom għadu jgħix, u bħala post tar-residenza abitwali tal-konvenuta.

[74] Għall-kuntrarju ta' dak li timplika l-Irlanda (punt 10 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha minflok is-seduta), mhux l-Istati Membri kollha jipprevedu qrati li għandhom ġurisdizzjoni residwa. Barra minn hekk, anki jekk jagħmlu dan, ma jistax isir rikors għalihom f'każ partikolari, minħabba r-restrizzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 2201/2003.